# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

# L-Infermier



**JEKK INT PERSUNA LI TĦOBB TGĦIN LIL ĦADDIEĦOR ALLURA TAJJEB TIKKUNSIDRA LI TILĦAQ INFERMIER.**



Aktarx li ġieli ltqajtu man-nurse tal-iskola li tiġi minn żmien għal żmien biex tarakom u teżaminalkom daharkom jew għajnejkom. Minbarra fl-iskejjel wieħed jista' jsib in-nurses fejn hemm servizzi ta' saħħa, bħal fl-isptarijiet, iċ-ċentri tas-saħħa, fid-djar tal-anzjani u postijiet oħra.

Ix-xogħol ta' infermier hu varjat u interessanti. Hemm nurses li jieħdu ħsieb il-morda u hemm dawk li juruna kif nagħmlu biex ma nimirdux u ngħixu b'saħħitna. Hemm nurses li jassistu fl-operazzjonijiet, nurses edukaturi u anke riċerkaturi. In-nurses jistgħu jimxu fil-karriera tagħhom u jilħqu managers jew anke jsiru speċjalisti f'oqsma varji tas-saħħa.

Fil-kura primarja, jiġifieri fiċ-ċentri tas-saħħa, l-infermiera jagħmlu diversi check-ups lin-nies, fosthom dawk li fihom jiċċekkjawlhom il-pressjoni u l-livell taz-zokkor fid-demm.

Fil-kura sekondarja, li tingħata ġo sptar, insibu nurses li jkunu qed jassistu pazjenti li jirrikjedu interventi ta' malajr wara li tiġi determinata l-kundizzjoni tagħhom. Hawnhekk in-nurse għandha rwol importanti flimkien ma' professjonisti oħra, bħat-tobba u l-ispeċjalisti, biex il-kura tkun massima u effettiva. Din it-tip ta' kura tirrikjedi li n-nurse tieħu ħsieb ħafna affarijiet li jikkonċernaw il-kura. Fosthom trid tkun taf tħaddem apparat relatat mal-mediċini li jkollu bżonn il-pazjent.

Illum in-nursing sar ukoll speċjalizzat b'tali mod li n-nurses huma kapaċi jmexxu kliniċi waħedhom, bħal pereżempju dawk li ngħidulhom 'wound clinics'. Hawnhekk l-infermiera kapaċi jikkuraw feriti fil-pazjenti u japplikaw dressings speċifiċi skont il-ġrieħi.

Ma nistgħux ma nsemmux nurses li jispeċjalizzaw fil-kura mentali. Illum din il-kura qed tidħol fid-djar tal-pazjenti li jkollhom bżonnha. Għalhekk hemm sezzjoni apposta li tissejjaħ 'Mental Health Outreach'. In-nurses hawn imorru għand il-pazjenti u jindirizzaw bżonnijiet neċessarji għall-kura mentali li jeħtieġu. Din il-kura tagħmel impatt pożittiv kbir biex il-pazjent jirkupra mill-kundizzjoni mentali li jkun qiegħed isofri minnha.





Il-kura fil-qasam tal-anzjani hija importanti wkoll, speċjalment meta l-popolazzjoni anzjana qiegħda kulma jmur tiżdied. Hawnhekk in-nurses għandhom rwol importanti wkoll għax jieħdu ħsieb il-bżonnijiet kollha tal-anzjani, biex dawn ikunu jistgħu jgħixu ħajja normali kemm jista' jkun. In-nurses jorganizzaw ħafna attivitajiet biex iżommu lill-anzjani okkupati u kuntenti tul il-kura tagħhom.

Waħda min-nurses li kienet pijuniera fil-professjoni tan-nursing hija Florence Nightingale. Din in-nurse kienet tgħix bejn is-sekli dsatax u għoxrin u kienet il-fundatriċi tan-nursing kif nafuh illum. Hija introduċiet prinċipji bażiċi fil-kura tal-marid, fosthom il-kontroll tal-infezzjoni. Illum għadna nħaddnu l-istess prinċipji li din in-nurse introduċiet, fosthom – u l-aktar importanti – il-ħasil tal-idejn u l-iġjene.

Matul is-snin il-professjoni tan-nurses inbidlet u mxiet 'il quddiem. Għaldaqstant, marbut max-xewqa li tgħin, l-istudju hu importanti wkoll. Biex issir nurse trid tistudja u żżomm ruħek aġġornat dwar l-iżviluppi li jsiru minn żmien għal ieħor.

Ix-xogħol ta' nurse jagħtik ħafna sodisfazzjon. U bilhaqq, għalkemm in-nurse ġeneralment nirreferu għaliha fil-femminil, nurse tista' tkun kemm mara u kemm raġel. Għalhekk jekk tassew tixtieq issir infermier, taqtax qalbek. Jekk tagħmel moħħok hemm u tistudja, tasal biex twettaq il-ħolma tiegħek. Qed nistennewk!




